REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1503

tal-25 ta' Awwissu 2017

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/68 dwar il-proċeduri u l-ispeċifikazzjonijiet komuni meħtieġa għall-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi tal-kards tas-sewwieqa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 jirrikjedi l-Istati Membri li jwettqu interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tagħhom tal-kards tas-sewwieqa permezz tas-sistema ta'messaġġi TACHOnet.

(2) Il-proċeduri u l-ispeċifikazzjonijiet komuni meħtieġa għall-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi tal-kards tas-sewwieqa permezz tas-sistema ta' messaġġi TACHOnet huma stabbiliti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/68 ([2]).

(3) Il-konnessjoni mas-sistema ta'messaġġi TACHOnet tista' ssir kemm direttament permezz ta' konnessjoni tas-Servizzi Trans-Ewropej għat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet ("TESTA") jew indirettament permezz ta' Stat Membru li jkun diġà konness mal-TESTA. Tradizzjonalment, il-konnessjonijiet indiretti ikunu ġew miftiehma bilateralment b'kuntratti ffirmati mir-rappreżentanti tal-entitajiet involuti fuq livell nazzjonali mingħajr l-intervent tal-Kummissjoni. Madankollu, biex ikun evitat l-abbuż potenzjali tal-konnessjoni u biex ikun żgurat it-tħaddim tajjeb tas-sistema, il-Kummissjoni, fil-kapaċità tagħha bħala meniġer ġenerali tas-sistema ta' messaġġi-TACHOnet, għandha tirċievi informazzjoni xierqa u f'waqtha dwar l-interess ta' awtorità nazzjonali in konnessjoni mas-sistema ta' messaġġi' TACHOnet.

(4) Minbarra Stati Membri, fil-prattika s-sistema ta'messaġġi TACHOnet hi miftuħa għal pajjiżi terzi. Għaldaqstant il-Kummissjoni għandha tiżgura li pajjiżi terzi jikkonformaw mal-istess obbligi tal-Istati Membri rigward is-sistema ta' messaġġi-TACHOnet.

(5) Jenħtieġ li siru xi emendi żgħar fir-Regolament ta' Implimentzzjoni (UE) 2016/68 biex jindirizzaw dawn l-aspetti li ġejjin b'mod aktar preċiż u ċar: il-proċedura għall-konnessjoni mas-sistema tal-'messaġġi TACHOnet, it-testijiet preliminari li jridu jsiru u l-konsegwenzi ta' falliment, il-kontenut ta' xi messaġġi XML, il-mod kif tiġi stabbilita l-proċedura tal-eskalazzjoni li għandhom isegwu l-Istati Membri f'każ ta' żbalji fis-sistema, u għal kemm żmien id-dejta personali tista' tinżamm fil-kotba ta' reġistrazzjoni tas-sistema ċentrali.

(6) Il-verżjoni l-ġdida tas-sistema ta' messaġġi TACHOnet ser tapplika mit-2 ta' Marzu 2018. Madankollu, sabiex tippermetti li jittieħdu ċerti passi preparatorji, id-disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-konnessjoni ma' pajjiżi terzi, testijiet preliminari u aċċess indirett jenħtieġu li japplikaw mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(7) Għalhekk ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/68 għandu jiġi emendat għal dan il-għan.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Trasport bit-Triq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/68 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2 jiżdiedu dawn il-punti (k), (l) u (m):

"(k) "Servizzi Trans-Ewropej għat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet ("TESTA")" tfisser pjattaforma tal-interkonnessjoni tat-telekomunikazzjoni għal skambju sigur tal-informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Unjoni.;

([1]) ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/68 tal-21 ta' Jannar 2016 dwar il-proċeduri u l-ispeċifikazzjonijiet komuni meħtieġa għall-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi tal-kards tas-sewwieqa (ĠU L 15, 22.1.2016, p. 51).

(l) "aċċess dirett għas-sistema TACHOnet" tfisser il-konnessjoni mas-sistema ta'messaġġi TACHOnet ta' reġistru elettroniku nazzjonali permezz ta' konnessjoni TESTA ġestita mill-Istat Membru li jospita r-reġistru;

(m) "aċċess indirett għas-sistema TACHOnet" tfisser il-konnessjoni mas-sistema ta' messaġġi TACHOnet ta' reġistru elettroniku nazzjonali permezz ta' konnessjoni TESTA ġestita minn Stat Membru li ma jospitax ir-reġistru.";

(2) għandhom jiżdiedu dawn l-Artikoli 3a u 3b li ġejjin:

"Artikolu 3a

Il-konnessjoni minn pajjiżi terzi

Soġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni, pajjiżi terzi jistgħu jagħmlu konnessjoni tar-reġistri elettroniċi tagħhom mas-sistema ta' messaġġi TACHOnet, jekk jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 3b

Testijiet preliminari

Il-konnessjoni ta' reġistru elettroniku nazzjonali mas-sistema ta' messaġġi TACHOnet, kemm b'aċċess dirett jew indirett, għandha tiġi stabbilita wara li jitlestew b'suċċess it-testijiet tal-konnessjoni, tal-integrazzjoni u tal-prestazzjoni skont l-istruzzjonijiet u taħt is-sorveljanza tal-Kummissjoni.

Jekk it-testijiet preliminari jfallu, il-Kummissjoni tista' tissospendi temporanjament il-fażi tal-ittestjar. It-testjar għandu jissokta meta l-awtorità nazzjonali responsabbli tikkomunika lill-Kummissjoni l-adozzjoni tat-titjib tekniku meħtieġ fil-livell nazzjonali li jippermetti s-suċċess tat-testijiet preliminarji.

It-tul massimu tat-testijiet preliminari għandu jkun sitt xhur.";

(3) għandu jiddaħħal dan l-Artikolu 5a li ġej:

"Artikolu 5a

Aċċess indirett għat-TACHOnet

1. Awtorità nazzjonali li titlob aċċess indirett għat-TACHOnet għandha tressaq dawn id-dokumenti segwenti lill-Kummissjoni:

(a) ittra ffirmata minn rappreżentant tal-awtorità nazzjonali li titlob lill-Kummissjoni biex tibda l-fażi tal-ittestjar sabiex jingħata aċċess indirett għat-TACHOnet;

(b) applikazzjoni għal aċċess indirett għat-TACHOnet fil-format stabbilit fl-Anness IX;

(c) il-kuntratt bilaterali bejn l-awtorità nazzjonali li qed titlob l-aċċess indirett u l-awtorità nazzjonali li tipprovdi dan l-aċċess permezz tal-konnessjoni TESTA tagħha, iffirmat minn rappreżentanti taż-żewġ awtoritajiet nazzjonali.

2. Sa mhux aktar tard minn xahrejn mis-sottomissjoni tad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha titlob lill-awtorità nazzjonali kkonċernata biex-tippreżenta l-informazzjoni teknika meħtieġa sabiex jinbdew it-testijiet preliminari msemmija fl-Artikolu 3b.

3. L-aċċess indirett għat-TACHOnet ma għandux jingħata sakemm ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ma jkunux ġew issodisfati.";

(4) L-Annessi I, II, III, VI, VII u VIII huma emendati skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(5) Qed jiżdied l-Anness IX kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1(4) għandu japplika mit-2 ta' Marzu 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESSI I

L-Annessi I, II, III, VI, VII u VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/68 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 1.1, it-tieni paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-messaġġi kollha tat-TACHOnet għandhom jingħaddu mis-sistema ċentrali";

(b) il-punt 2.2 jinbidel b'dan li ġej:

"2.2. Is-sistema ċentrali m'għandhiex taħżen id-dejta għal iżjed minn sitt xhur, għajr id-dejta tal-illoggjar, statistika u r-routing kif stabbilit fl-Anness VII.";

(c) il-punt 2.6.1 jinbidel b'dan li ġej:

"2.6.1. Il-funzjonalità tal-ġestjoni tal-kuntatti għandha tipprovdi lil kull Stat Membru bil-kapaċità li jamministra d-dettalji ta' kuntatt fir-rigward tal-kategoriji politiċi, kummerċjali, operazzjonali u tekniċi ta' dak l-Istat Membru, bl-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru tkun responsabbli għaż-żamma tal-kuntatti tagħha stess. Għandu jkun possibbli li wieħed jara, iżda mhux jeditja, id-dettalji ta' kuntatt ta' Stati Membri oħra.";

(d) il-punt 2.6.2 jitħassar;

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1.3 jinbidel b'dan li ġej:

"1.3. Modifika tal-Istatus tal-Kard (Modify Card Status, MCS): din tippermetti lill-Istat Membru tar-rikjesta tinnotifika lill-Istat Membru tat-tweġiba, permezz ta' Rikjesta għal Modifika tal-Istatus tal-Kard, li nbidel l-istatus ta' kard maħruġa mill-Istat Membru tat-tweġiba. L-Istat Membru tat-tweġiba għandu jwieġeb it-talba għal Modifika tal-Istatus tal-Kard billi jibgħat Tweġiba għall-Modifika tal-Istatus tal-Kard malli jiġi aġġornat ir-reġistru jew meta n-notifika tiġi rrifjutata, filwaqt li jagħti l-eżitu tal-aġġornament u jindika l-istatus attwali tal-kard (kif irreġistrat fir-reġistru tal-kard tat-takografu). Din it-tweġiba għandha tintbagħat sa mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem kalendarji wara li tkun intbagħtet ir-rikjesta għal notifika. F'kull każ, ir-Rikjesta għal Modifika tal-Istatus tal-Kard jew it-Tweġiba tal-Modifika tal-Istatus tal-Kard għandha tiġi rikonoxxuta b'Rikonoxximent tal-Modifika tal-Istatus tal-Kard.";

(b) il-punt 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. L-istatus tal-kard elenkati fl-Appendiċi ta' dan l-Anness ma għandhomx jintużaw biex jiġi stabbilit jekk kard tas-sewwieqa hix valida għas-sewqan. Meta Stat Membru jistaqsi dwar ir-reġistu tal-Istat Membru tal-ħruġ tal-kard permezz tal-funzjonalità CCS jew CIC, it-tweġiba għandha tinkludi entrata apposta "valida għas-sewqan". Il-proċeduri amministrattivi nazzjonali għandhom ikunu tali li t-tweġibiet CCS jew CIC ikollhom dejjem il-valur xieraq segwenti "valida għas-sewqan".";

(3) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 2.3 jinbidel b'dan li ġej:

"2.3. Is-sistemi nazzjonali għandhom ikunu kapaċi jibagħtu, jirċievu u jipproċessaw il-messaġġi kollha li jikkorrispondu għal xi waħda mill-funzjonalitajiet stipulati fl-Anness II.";

(b) l-Appendiċi jinbidel b'dan li ġej:

"Appendiċi

Ir-rekwiżiti minimi għall-kontenut tal-messaġġi XML

Common Heading (Intestatura komuni)		Obbligatorji
Version (verżjoni)	Il-verżjoni uffiċjali tal-ispeċifikazzjonijiet XML se tiġi speċifikata fl-ispazju tal-isem definit fil-messaġġ XSD u fl-attribut *tal-verżjoni* tal-element tal-Intestazzjoni ta' kwalunkwe messaġġ XML. In-numru tal-verżjoni ("n.m") għandu jiġi definit bħala valur fiss f'kull rilaxx tal-fajl tad-Definizzjoni tal-Iskema XML (xsd).	Iva

Common Heading (Intestatura komuni)		Obbligatorji
Test Identifier (identifikatur tat-Test)	ID fakultattiv għall-ittestjar. L-oriġinatur tat-test għandu jimla l-identifikatur u kull parteċipant fil-work flow għandu jittrażmetti/jirritorna l-istess identifikatur. Fil-produzzjoni dan għandu jiġi injorat, u jekk jingħata m'għandux jintuża.	Le
Technical Identifier (identifikatur Tekniku)	UUID li jidentifika b'mod uniku kull messaġġ individwali. Min jibgħat il-messaġġ għandu jiġġenera UUID u għandu jimla dan l-attribut. Din id-dejta m'għandhiex tintuża f'xi kapaċità kummerċjali.	Iva
Workflow Identifier (identifikatur tal-Workflow)	Il-workflowID hu UUID u għandu joħolqu l-Istat Membru tar-rikjesta. Imbagħad dan l-identifikatur għandu jintuża fil-messaġġi kollha biex jikkorrelaw il-workflow.	Iva
Sent at (mibgħut Fi)	Id-data u l-ħin (f'format UTC) meta ntbagħat il-messaġġ.	Iva
Timeout (skadenza)	Dan hu attribut fakultattiv tad-data u tal-ħin (fil-format ta' UTC). Dan il-valur għandha tiffissah biss is-sistema ċentrali għat-talbiet li jintbagħtu u jiġi kkalkulat skont id-data/ħin meta s-sistema ċentrali tirċievi l-ewwel rikjesta. Dan għandu jinforma lill-Istat Membru tat-tweġiba dwar il-ħin meta tiskadi r-rikjesta. Dan il-valur mhux meħtieġ fl-ewwel rikjesti mibgħuta lis-sistema ċentrali u fil-messaġġi kollha tat-tweġiba.	Le
From (mingħand)	Il-kodiċi ISO 3166-1 Alpha 2 tal-Istat Membru li jibgħat il-messaġġ jew "l-UE".	Iva
To (lil)	Il-kodiċi ISO 3166-1 Alpha 2 tal-Istat Membru li lilu jintbagħat il-messaġġ jew "l-UE".	Iva

Check Issued Cards Request (Rikjesta għal Verifika tal-Kards Maħruġa)		Obbligatorji
Family name (il-kunjom)	Il-kunjom tas-sewwieq.	Iva
First name (isem)	L-isem mogħti/tas-sewwieq.	Le
Date of birth (data tat-twelid)	Id-data tat-twelid tas-sewwieq.	Iva
Place of birth (il-post tat-twelid)	Il-post tat-twelid tas-sewwieq.	Le
Driving license number (in-numru tal-liċenzja tas-sewqan)	In-numru tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq.	Le
Driving License Issuing Country (il-pajjiż li ħareġ il-liċenzja tas-sewqan)	Il-pajjiż li ħareġ il-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq.	Le

Check Issued Cards Response (Tweġiba tal-Verifika tal-Kards Maħruġa)		Obbligatorji
Status Code (il-kodiċi tal-istatus)	Il-kodiċi tal-istatus tat-tweġiba.	Iva
Status Message (il-messaġġ tal-istatus)	Deskrizzjoni tal-istatus spjegatorju.	Le
Search Mechanisms (il-mekkaniżmu tat-tfittxija)	Il-kard instabet bit-tfittxija NYSIIS jew bi tfittxija adattata speċifikament.	Iva
Found Driver Details (Dettalji dwar is-Sewwieq Misjub)		Iva jekk jinstab is-sewwieq
Family name (il-kunjom)	Il-kunjom ta' kull sewwieq misjub.	Iva
First Name (l-isem)	L-isem ta' kull sewwieq misjub.	Le
Date of birth (id-data tat-twelid)	Id-data tat-twelid ta' kull sewwieq misjub.	Iva
Place of birth (il-post tat-twelid)	Il-post tat-twelid ta' kull sewwieq misjub.	Le
Card Details (Dettalji dwar il-Kard)		Iva jekk jinstab is-sewwieq
Card Number (in-numru tal-kard)	In-numru tal-kard misjub.	Iva
Card Status (l-istatus tal-kard)	L-istatus tal-kard misjub.	Iva
Valid for driving (valida għas-sewqan)	Il-kard hi/mhix valida għas-sewqan.	Iva
Card Issuing Authority (l-awtorità li ħarġet il-kard)	L-isem tal-awtorità li ħarġet il-kard misjuba.	Iva
Card Start Validity of date (id-data tal-bidu tal-validità tal-kard)	Id-data tal-bidu tal-validità tal-kard misjuba.	Iva
Card Expiry date (id-data tal-iskadenza tal-kard)	Id-data tal-iskadenza tal-kard misjuba.	Iva
Card Status Modified date (id-data tal-modifika tal-istatus tal-kard)	Id-data meta l-kard misjuba nbidlet l-aħħar.	Iva
Temporary card (il-kard temporanja)	Il-kard misjuba hi kard temporanja.	Le
Driving License Details (Dettalji dwar il-Liċenzja tas-Sewqan)		Iva jekk tinstab kard tas-sewwieq
Driving License Number (in-numru tal-liċenzja tas-sewqan)	In-numru tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq misjub.	Iva

Check Issued Cards Response (Tweġiba tal-Verifika tal-Kards Maħruġa)		Obbligatorji
Driving License Issuing Country (il-pajjiż li ħareġ il-liċenzja tas-sewqan)	Il-pajjiż li ħareġ il-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq misjub.	Iva
Driving License Status (l-istatus tal-liċenzja tas-sewqan)	L-istatus tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq misjub.	Le
Driving License Issuing Date (id-data tal-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan)	Id-data tal-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq misjub.	Le
Driving License Expiry Date (id-data tal-iskadenza tal-liċenzja tas-sewqan)	Id-data tal-iskadenza tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq misjub.	Le
Workshop Card Details (Dettalji dwar il-Kard tal-Workshop)		Iva jekk tinstab kard tal-workshop
Workshop name (l-isem tal-workshop)	L-isem tal-workshop li għalih inħarġet il-kard tal-workshop misjuba.	Iva
Workshop address (indirizz tal-workshop)	L-indirizz tal-workshop li għalih inħarġet il-kard tal-workshop misjuba.	Iva
Check Card Status Request (Rikjesta għal Verifika tal-Istatus tal-Kard)		Obbligatorji
Card Number (in-numru tal-kard)	In-numru tal-kard li hemm bżonn id-dettalji dwarha.	Iva

Check Card Status Response (Tweġiba tal-Verifika tal-Istatus tal-Kard)		Obbligatorji
Status Code (il-kodiċi tal-istatus)	Il-kodiċi tal-istatus tat-tweġiba.	Iva
Status Message (il-messaġġ tal-istatus)	Deskrizzjoni tal-istatus spjegatorju.	Le
Requested Card Details (Dettalji dwar il-Kard Mitluba)		Iva jekk tinstab il-kard mitluba
Card Number (in-numru tal-kard)	In-numru tal-kard mitluba.	Iva
Card Status (l-istatus tal-kard)	L-istatus tal-kard mitluba.	Iva
Valid for driving (Valida għas-sewqan)	Il-kard mitluba hi/mhix valida għas-sewqan.	Iva
Card Issuing Authority (l-awtorità li ħarġet il-kard)	L-isem tal-awtorità li ħarġet il-kard mitluba.	Iva
Card Start of validity date (id-data tal-bidu tal-validità tal-kard)	Id-data tal-bidu tal-validità tal-kard mitluba.	Iva
Card Expiry Date (id-data tal-iskadenza tal-kard)	Id-data tal-iskadenza tal-kard mitluba.	Iva

Check Card Status Response (Tweġiba tal-Verifika tal-Istatus tal-Kard)		Obbligatorji
Card Status Modified Date (id-data tal-modifika tal-istatus tal-kard)	Id-data meta l-kard mitluba nbidlet l-aħħar.	Iva
Temporary card (il-kard temporanja)	Il-kard mitluba hi kard temporanja.	Le
Workshop Card Details (Dettalji tal-Kard tal-Workshop)		Iva jekk tinstab kard tal-workshop
Workshop name (l-isem tal-workshop)	L-isem tal-workshop li għalih inħarġet il-kard.	Iva
Workshop address (l-indirizz tal-workshop)	L-indirizz tal-workshop li għalih inħarġet il-kard.	Iva
Card Holder Details (Dettalji dwar id-Detentur tal-Kard)		
Family name (il-kunjom)	Il-kunjom tas-sewwieq li għalih inħarġet il-kard.	Iva
First name (l-isem)	L-isem tas-sewwieq li għalih inħarġet il-kard.	Le
Date of birth (id-data tat-twelid)	Id-data tat-twelid tas-sewwieq li għalih inħarġet il-kard.	Iva
Place of birth (il-post tat-twelid)	Il-post tat-twelid tas-sewwieq li għalih inħarġet il-kard.	Le
Driving License Details (Dettalji dwar il-Liċenzja tas-Sewqan)		Iva jekk tinstab kard tas-sewwieq
Driving License Number (in-numru tal-liċenzja tas-sewqan)	In-numru tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq li għalih inħarġet il-kard.	Iva
Driving License Issuing Country (il-pajjiż li ħareġ il-liċenzja tas-sewqan)	Il-pajjiż li ħareġ in-numru tal-liċenzja tas-sewqan lis-sewwieq li għalih inħarġet il-kard.	Iva
Driving License Status (l-istatus tal-liċenzja tas-sewqan)	L-istatus tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq li għalih inħarġet il-kard.	Le
Driving License Issuing Date (id-data tal-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan)	Id-data tal-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq li għalih inħarġet il-kard.	Le
Driving License Expiry Date (id-data tal-iskadenza tal-liċenzja tas-sewqan)	Id-data tal-iskadenza tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq li għalih inħarġet il-kard.	Le

Modify Card Status Request (Rikjesta għal Modifika tal-Istatus tal-Kard)		Obbligatorji
Card Number (in-numru tal-kard)	Il-numru tal-kard li nbidel l-istatus tagħha.	Iva
New Card Status (l-istatus il-ġdid tal-kard)	L-istatus li għalih inbidlet il-kard.	Iva
Card Status Modified date (id-data tal-modifika tal-istatus tal-kard)	Id-data u l-ħin meta nbidel l-istatus tal-kard.	Iva

Modify Card Status Request (Rikjesta għal Modifika tal-Istatus tal-Kard)		Obbligatorji
Declared by (Dikjarata Minn)		
Authority (awtorità)	L-isem tal-awtorità li biddlet l-istatus tal-kard.	Iva
Authority address (l-indirizz tal-awtorità)	L-indirizz tal-awtorità li biddlet l-istatus tal-kard.	Iva
Family Name (il-kunjom)	Il-kunjom tal-persuna li biddlet l-istatus tal-kard.	Le
First Name (l-isem)	L-isem tal-persuna li biddlet l-istatus tal-kard.	Le
Phone (tel.)	In-numru tat-telefown tal-persuna li biddlet l-istatus tal-kard.	Le
Email	L-email tal-persuna li biddlet l-istatus tal-kard.	Le

Modify Card Status Acknowledgement (Rikonoxximent tal-Modifika tal-Istatus tal-Kard)		Obbligatorji
Status Code (il-kodiċi tal-istatus)	Il-kodiċi tal-istatus tar-rikonoxximent.	Iva
Status Message (il-messaġġ tal-istatus)	Deskrizzjoni tal-istatus spjegatorju.	Le
Acknowlegement type (it-tip tar-rikonoxximent)	It-tip tar-rikonoxximent: għar-rikjesta jew għal tweġiba.	Iva

Modify Card Status Response (Tweġiba tal-Modifika tal-Istatus tal-Kard)		Obbligatorji
Status Code (il-kodiċi tal-istatus)	Il-kodiċi tal-istatus tat-tweġiba.	Iva
Status Message (il-messaġġ tal-istatus)	Deskrizzjoni tal-istatus spjegatorju.	Le
Card Number (In-numru tal-kard)	In-numru tal-kard tas-sewwieq mitluba.	Iva
Card Status (L-istatus tal-kard)	L-istatus tal-kard mitluba kif jidher fir-reġistru tal-kard tat-takografu.	Iva

Issued Card Driving License Request (Rikjesta għall-Ħruġ tal-Karta tas-Sewwieq abbażi tal-Liċenzja tas-Sewqan)		Obbligatorji
Card Number (in-numru tal-kard)	In-numru tal-kard li nħarġet.	Iva
Driving License Number (in-numru tal-liċenzja tas-sewqan)	In-numru tal-liċenzja tas-sewqan barranija li ntużat għall-applikazzjoni għall-kard tas-sewwieq.	Iva
Family Name (il-kunjom)	Il-kunjom tas-sewwieq li għalih inħarġet il-kard.	Iva
First Name (l-isem)	L-isem tas-sewwieq li għalih inħarġet il-kard.	Le
Date of Birth (id-data tat-twelid)	Id-data tat-twelid tas-sewwieq li għalih inħarġet il-kard.	Iva
Place of Birth (il-post tat-twelid)	Il-post tat-twelid tas-sewwieq li għalih inħarġet il-kard.	Le

Issued Card Driving License Response (Tweġiba rigward il-Ħruġ tal-Karta tas-Sewwieq abbażi tal-Liċenzja tas-Sewqan).		Obbligatorji
Status Code (il-kodiċi tal-istatus)	Il-kodiċi tal-istatus tat-tweġiba.	Iva
Status Message (il-messaġġ tal-istatus)	Deskrizzjoni spjegatorju tal-istatus.	Le”;

(4) L-Anness VI huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti 1.4 sa 1.8 jinbidlu b'dan li ġej:

“1.4. Dawn għandhom iwieġbu għal minimu ta' 98 % tat-talbiet mibgħuta lilhom f'xahar kalendarju wieħed u għandhom ikunu kapaċi jipprovdu rata ta'rikjesti ta' sitt (6) messaġġi kull sekonda.

1.5. It-Tweġibiet CIC, CCS, u ICDL u r-Rikonoxximenti MCS skont l-Anness VIII għandhom iwieġbu r-rikjesti fi żmien għaxar (10) sekondi.

L-iskadenza ġenerali tat-talbiet (iż-żmien meta min jagħmel ir-rikjesta jkun qed jistenna tweġiba) ma għandux jaqbeż l-20 sekonda.

1.6. It-Tweġibiet MCS għandhom isiru fi żmien għaxart (10) ijiem kalendarji minn meta tintbagħat ir-Rikjesta MCS.

1.7. Is-sistemi nazzjonali m'għandhomx jibagħtu rikjesti lis-sistema TACHOnet b'rata iżjed minn żewġ (2) rikjesti kull sekonda.

1.8. Kull sistema nazzjonali għandha tkun kapaċi tindirizza l-problemi tekniċi potenzjali tas-sistema ċentrali jew tas-sistemi nazzjonali fi Stati Membri oħra. Dawn jinkludu, iżda mhumiex limitati għal meta:

(a) tintilef il-konnessjoni mas-sistema ċentrali;

(b) ma tasal l-ebda tweġiba għal rikjesta;

(c) t-tweġibiet jaslu wara l-iskadenza tal-messaġġ;

(d) jaslu messaġġi mhux mitluba;

(e) jaslu messaġġi invalidi.”;

(b) il-punt 1.9 jitħassar;

(c) fil-punt 2.2 tiżdied is-sentenza li ġejja:

“Meta jintalab, il-Kummissjoni għandha tingħata dettalji dwar il-proċedura ta' eskalazzjoni.”;

(5) L-Anness VII huwa emendat kif ġej:

(a) dan il-paragrafu segwenti għandu jiddaħħal wara t-titlu tal-Anness:

“Dan l-Anness jagħti dettalji dwar id-dejta tal-illoggjar, statistika u tar-routing miġbura fis-sistema ċentrali, mhux fl-Istati Membri.”;

(b) il-punt 3 jinbidel b'dan li ġej:

“3. Id-dejta personali mhux se tinżamm fir-reġistri għal iżjed minn sitt (6) xhur minn meta titlesta tranżazzjoni. L-informazzjoni statistika u anonimizzata tar-routing għandha tinżamm indefinittivament.”;

(c) fil-punt 4, il-kliem introduttorju jinbidel b'dan li ġej:

“Id-dejta statistika li tintuża għar-rappurtar tista' tinkludi, fost l-oħrajn:”;

(6) L-Anness VIII huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1.3 jinbidel b'dan li ġej:

“1.3. Meta l-applikant għal kard tas-sewwieqa jkollu liċenzja tas-sewqan maħruġa fl-Istat Membru tal-applikazzjoni, dak l-Istat Membru għandu jivverifika jekk in-notifika tal-ICDL tkunx diġà ġiet irreġistrata fir-reġistru nazzjonali tiegħu. Din il-verifika għandha ssir b'tiftix fin-notifiki, l-ewwel bin-numru tal-liċenzja tas-sewqan, u mbagħad bil-kjavi NYSIIS u bid-data tat-twelid. Jekk tinstab notifika, l-Istat Membru għandu jagħmel tfittxija mmirata ta' CIC jew tfittxija mmirata ta' CCS indirizzata lill-Istat Membru li bagħat in-notifika tal-ICDL.”;

(b) il-punt 1.6 jinbidel b'dan li ġej:

"1.6. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jirreġistrawx in-notifiki tal-ICDL fir-reġistri nazzjonali tagħhom b'konformità mal-punti 1.3, 1.4 u 1.5. F'dan il-każ, dawn għandhom jagħmlu tfittxija ġenerali ta' CIC għal kull applikazzjoni li tasal.";

(c) fil-punt 2.1, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) tivverifika l-istatus attwali tal-kard billi tibgħat rikjesta CCS lill-Istat Membru tal-ħruġ. Jekk in-numru tal-kard ma jkunx magħruf, minflok għandha tintbagħat rikjesta mmirata ta' CIC;";

(d) il-punt 3.2 jinbidel b'dan li ġej:

"3.2. Ladarba ssir il-verifika tal-istatus tal-kard tas-sewwieq u jkun validu għall-iskambju, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun saret l-applikazzjoni, għandha tibgħat notifika MCS bis-sistema ta'messaġġi TACHOnet lill-Istat Membru tal-ħruġ.".

ANNESS II

L-Anness IX segwenti għandu jiżdied:

"*ANNESS IX*

Applikazzjoni għal aċċess indirett għas-sistema TACHOnet

[L-isem fil-qosor tal-awtorità nazzjonali li qed titlob aċċess indirett għas-sistema TACHOnet] ta' [l-isem tal-pajjiż li jkun qed jitlob aċċess indirett għas-sistema TACHOnet] iffirmat kuntratt ma' [l-isem fil-qosor tal-awtorità nazzjonali li qed tipprovdi aċċess indirett għas-sistema TACHOnet] biex tikseb aċċess indirett għas-sistema TACHOnet permezz ta' [l-isem tal-pajjiż li qed jipprovdi aċċess indirett għas-sistema TACHOnet].

Il-kuntratt fejn [l-isem tal-pajjiż li qed jipprovdi aċċess indirett għas-sistema TACHOnet] jipprovdi aċċess indirett għas-sistema TACHOnet lil [l-isem tal-pajjiż li qed jitlob aċċess indirett għas-sistema TACHOnet] hu mehmuż ma' din l-applikazzjoni.

Għandha tingħata din l-informazzjoni:

(a) l-awtorità nazzjonali responsabbli għall-aċċess għas-sistema TACHOnet fi [l-isem tal-pajjiż li qed jitlob aċċess indirett għas-sistema TACHOnet];

(b) persuna ta' kuntatt għas-sistema TACHOnet fi [l-awtorità nazzjonali msemmija fil-punt (a)] (l-isem, ir-rwol, l-indirizz tal-email, in-numru tat-telefown u l-indirizz postali);

(c) l-isem u r-rwol ta' entitajiet oħra responsabbli fir-rigward tas-sistema TACHOnet;

(d) persuni ta' kuntatt fl-entitajiet responsabbli imsemmija fil-punt (c) (l-isem, ir-rwol, l-indirizz tal-email, in-numru tat-telefown).

Iffirmata minn:

[ir-rappreżentant tal-awtorità nazzjonali li qed titlob aċċess indirett għas-sistema TACHOnet]."